MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 912/1994/2

***Brian R.Mizzi u Ian Mizzi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' General Soft Drinks Co.Ltd.***

***vs***

***John Ciappara***

**Illum 26 ta' Marzu 2003**

Il-Qorti,

B' att tac-citazzjoni, l-atturi nomine, wara li **ppremettew**:

- illi f'incident stradali li sehh fil- Mellieha Bypass fis-17 ta' Lulju 1992 filghodu, filwaqt li l-konvenut kien qed issuq Trukk Nru. J-3537 ikkaguna hsara fil-vettura tal-atturi nomine Dodge 1984 numru tar-registrazzjoni E-9844;

- illi dan l-incident gara unikament minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

- illi l-interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, il-konvenut baqa inadempjenti.

**Talbu** jghidu l-konvenuti ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat kagunati fil-vettura tal-atturi Dodge 1984 numru tar-registrazzjoni E-9844 fil-kollizjoni li grat fis-17 ta' Lulju 1992 fil-Mellieha Bypass;

2. Tillikwida d-danni kagunati fil-vettura tal-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat n-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa:

(1) Illi d-domandi tal-atturi nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa ma kellu ebda tort fl-incident indikat fl-att ta' citazzjoni.
(2) Illi l-kollizjoni giet kawzata minn traskuragini da parti tas-sewwieq tat-trukk tal-atturi
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***

Illi dan il-kaz origina minn incident li sehh fis-17 ta’ Lulju 1992 fin-nizla tal-Mellieha Bypass mat-tieni lilwa li hemm f’ din it-triq. Mill-provi rrizulta li waqt li Carmelo Ciantar kien qed isuq truck tal-luminata registrat bin-numru E-9844 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, waqghulu zewg kaxxi, jew tlieta, minn fuq in-naha ta’ wara xellugi tat-truck, bir-rizultat li dawna gew fit-triq, inkissru u xxarbet parti mit-trieq. Fil-kabina tal-istess truck, fuq is-seat tal-passiggier kien hemm il-lavrant George Baldacchino.

Illi truck tar-*ready mix* registrat bin-numru J-3537 misjuq mill-konvenut John Ciappara li kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq, baqa’ diehel fuq in-naha ta’ wara tal-imsemmi truck, bir-rizultat li kkaguna danni fit-truck tal-atturi.

Illi z-zewg partijiet, Carmelo Ciantar u George Baldacchino fuq naha wahda, u l-konvenut fuq in-naha l-ohra, ghalkemm qabblu li sakemm gew il-pulizija l-vetturi ma gewx imcaqalqa minn kif spiccaw rizultat tal-incident, u ghalkemm ma hemmx kontestazzjoni dwar l-iskizz[1] mghamul mill-pulizija li marru fuq il-post; dawna taw versjoni kontrastanti ta’ kif fil-fatt sehh l-incident.

***Versjoni Carmelo Ciantar***

Fid-deposizzjonijiet tieghu, s-sewwieq tat-truck tal-luminata qal li meta huwa nduna li kienu waqghulu xi kaxxi tal-luminata minn fuq in-naha tax-xellug minn fuq wara tat-truck ghal got-trieq, huwa gibet lejn il-hajt, ipparkja it-truck mal-genb, u hu u seihbu George Baldacchino nizlu mill-vettura u kinsu l-hgieg li kien fit-triq u tefghuhom go toqba li kien hemm fil-hajt. Hekk kif Carmelo Ciantar kien qed jissika l-hbula biex ma jergghux

[1] Dok. MR1

jaqghu fliexken, tfacca t-truck misjuq mill-konvenut, li baqa' diehel got-truck tal-luminata. Kemm Ciantar kif ukoll Baldacchino xehdu li huma kienu ilhom weqfin xi ghaxar minuti, qabel ma sehh l-incident; kif ukoll li qabel il-habta, it-traffiku baqa' ghaddej bejn it-truck tal-luminata u c-*centre strip*.

***Versjoni konvenut***

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut qal li huwa kien niezel in-nizla fuq second gear u kien qed isuq distanza ta' xi tlett karrozzi wara t-truck tal-atturi. Hin minnhom meta kienu *"fit-tieni bend"* waqghu fit-triq fliexken tal-luminata mit-truck ta' quddiemu. Imbaghad fi kliem l-istess konvenut *"Il-vettura ta' l-attur dak il-hin kienet ghadha miexja. Jiena ghafast il-brake u skidjajt u hbatt mieghu. It-truck ta' quddiemi, meta sema' l-hoss tal-fliexken jaqghu, tefa' fil-genb fuq in-naha tax-xellug."*

Mistoqsi dwar il-velocita' li kien ghaddej biha l-konvenut, dana wiegeb *"Ma nistax nghid ezattament l-ispeed tieghi, pero' kont fuq second gear ghax kont mghobbi."*

Il-konvenut qal ukoll *"Jiena ma kellix kontroll fuq it-truck tieghi dak il-hin ghax skidjajt. L-art kienet imxarrba".*

***Pulizija***

Illi Ps.1450 Mario Rotin li xehed f' din il-kawza, ikkonferma l-korretezza tal-iskizz mghamul minnu, b' mod partikolari li l-habta saret <u>f' nofs il-kurva</u> u li l-qiesen tad-distanzi A B. u C huma ezatti: wiehed punt erba metri (1.4m) id-distanza 'A' bejn is-centre strip u in-naha ta' wara leminija tat-truck tal-konvenut; tlieta punt sitt metri (3.6m) id-distanza 'B' bejn ic-centre strip u in-naha ta' wara leminija tat-truck tal-atturi; u erba metri (4m) id-distanza 'C' fejn is-centre strip u l-quddiem lemini tat-truck tal-atturi. Il-wiesa' tat-triq kollha hija ta' seba punt tmienja (7.8m) metri. Is-surgent kkonferma wkoll li l-*brakemarks* indikati wara t-truck tal-konvenut kienu ta' disa metri (9m).

***Danni***

Illi fis-seduta tas-19 ta' Mejju 1998 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, l-atturi, permezz tad-difensur taghhom

ipprezentaw tlett dokumenti[2] li juru d-danni sofferti fil-vettura taghhom rizultat tal-incident in disamina. Minn dawn id-dokumenti, jirrizulta li d-danni jammontaw globalment ghas-somma ta' tlett mija u hames liri maltin (Lm305), li mitt lira (Lm100) minnhom jirrappresentaw 'alternative transport' jew kiri ta' truck sakemm tigi riparata l-hsara. Dan l-ammont ma giex kontestat mill-kontenut.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti hemm erba fatturi principali li huma determinanti ghall-esercizju odjern. Dawn huma:

1. Il-konfigurazzjoni tat-triq. Mill-provi rrizulta car li t-triq hija ghan-nizla u l-post fejn gara l-incident huwa lilwa ghan-nizla.

2. In-natura u d-dimensjoni tat-truck tal-konvenut. Mill-provi rrizulta li dan huwa truck tar ready mix li, skond l-istess konvenut kien mghobbi; u ghalhekk dan kien qed isuq ghan-nizla truck kbir u mtaqqal bit-tabija li kellu.

3. Il-posizzjoni tat-truck tal-atturi kif tirrizulta mill-iskizz. Din tirrizulta li qeghda vicin il-hajt distanza l' boghod mis-*centre strip* ta' 4 metri minn naha ta' quddiem u 3.6 metri minn naha ta' wara, u ghalhekk kien hemm spazju bizzejjed biex jghaddu vetturi, inkluza dik tal-konvenut, bejn it-truck u s-*centre strip*.

4. Il-tul tal-brakemarks kawzati mill-waqfien brusk tat-truck tal-konvenut. Dawn kienu ta' 9 metri.

***Osservazzjonijiet guridici***

**1.** Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza, li sewwieq ta' vettura ghandhu jsuq b' mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu. Konformament ma' dan, huwa ghandu l-obbligu li jassigura li s-sewqan tieghu ma jpoggihx f' sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirreagixxi b' mod adegwat ghal xi emergenza li tista' tinholoq. Huwa ovvju li meta t-triq tkun ghan-nizla u jkun hemm lilwa, l-attenzjoni tas-sewwieq u l-grad ta' prudenza li ghandu juza, ghandha tkun akbar; multo magis meta

[2] RB1, RB2 u RB3

jkun qed isuq vettura bhal dik tal-konvenut li tkun ta' dimensjoni kbira u mghobbija bit-toqol.

**2.** L-obbligi tas-sewwieq ta' wara gew delineati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***John Bonnici vs Bartolomew Gauci***[3] fis-segwenti termini. Is-sewwieq ta' wara ghandhu: (1) ikollu l-**karrozza that il-kontroll tieghu** b' mod li jieqaf meta l-karrozza ta' quddiemu tieqaf; (2) l-obbligu li jzomm certu distanza mill-karrozza ta' quddiemu, ghaddej bi speed li jkun jista' jieqaf jekk jieqaf ta' quddiemu; u (3) izomm **a proper look out** biex jekk ta' quddiemu jieqaf, jaraha tieqaf mill-ewwel u jieqaf. Dawn l-obbligi jizdiedu meta **l-konfigurazzjoni tat-triq** tirrikjedi grad oghola ta' attenzjoni.

***Osservazzjonijiet fattwali***

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement li s-sewwieq tat-truck tal-atturi ma waqafx f' salt u bruskament, izda gibed lejn il-hajt tax-xellug. Dan il-fatt gie konfermat mill-konvenut stess fix-xhieda tieghu meta qal: *"Il-vettura ta' l-attur dak il-hin kienet ghadha miexja…… It-truck ta' quddiemi, meta sema' l-hoss tal-fliexken jaqghu, tefa' fil-genb fuq in-naha tax-xellug." (supra)*

Il-fatt li ma rrizultawx brakemarks wara t-truck tal-atturi, jelimina t-tesi li dan it-truck twaqqaf f' salt minghajr preavviz ghal ta' warajh.

Dan jimponi oneru kbir fuq il-konvenut sabiex jispjega jew jghati gustifikazzjoni ghall-fatt li huwa baqa' diehel fit-truck tal-atturi; u dan anke jekk, ghal grazzja tal-argument, kellha tigi accettata t-tesi li meta saret il-habta it-truck tal-atturi ma kienx wieqaf kif qed isostni Carmelo Ciantar. Il-Qorti tosserva li brakemarks ta' disa (9) metri, mghamulin minn truck kbir u mghobbi, u di piu' fi triq li tghati ghan-nizla u fil-lilwa, juru li l-konvenut kien qed isuq b' velocita' li, ghall-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident u tenut kont tad-dimensjoni tal-vettura li kien qed isuq, kienet

[3] deciza 25 ta' Gunju 1984

**eccessiva u tali li rrendietu mhux f' kontroll shih tal-vettura tieghu**.

Dwar it-tesi tal-konvenut li huwa tilef il-kontroll tal-vettura ghax skidja fuq l-ilma tal-luminata, din il-Qorti thoss li c-cirkostanzi empirici li rrizultaw provati jimmilitaw serjament kontra din it-tesi. Il-Qorti tikkonsidera opportun is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Illi ma rrizultax mill-provi li kien hemm dik il-kwantita' ta' ilma, ossia luminata, li kapaci tohloq skid  Kif xehed Carmelo Ciantar f' dan ir-rigward, il-kaxxi li waqghu fit-triq kienu tnejn jew tlieta,  u inoltre il-fliexken ma nkissrux kollha.

2. Illi l-brakemarks jinnewtralizzaw it-tesi tal-iskid fuq il-luminata;  partikolarment f' dan il-kaz fejn it-triq hija asfaltata sewwa u kien ix-xahar ta' Lulju.  Huwa ben saput li, ghalkemm l-iskid f' toroq mhux asfaltati jew mhux asfaltati tajjeb, jista' jhalli <u>marki</u>, pero' <u>zgur ma jhallix brakemarks</u> – ghax it-tyres jew jaqbdu mal-asfalt jew inkellha ma jingranawx mal-art, jew hemm *road adhesion* jew m' hemmx;   u allura zgur li kieku it-truck tal-konvenut skidja verament, mhux ser ikun hemm <u>brakemarks</u> ta' **disa metri**.   Fil-fehma tal-Qorti, il-provi juru li l-konvenut ma kellux il-kontroll shih tal-vettura hu u niezel in-nizla.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell in re. ***Pulizija vs Joseph Muscat***, il-*brakemarks* huma wahda minn dawk ic-cirkostanzi li jwasslu ghall-applikazzjoni tat-teorija *'res ipsa loquitur'*.  F' dan il-kaz il-Qorti kienet kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li l-imputat kien qed isuq b' mod imprudenti;  u fattur determinanti tad-decizjoni taghha kien il-fatt li l-vettura tal-imputat halliet brakemarks ta' 27 pied u tlett pulzieri.  Fil-kaz in ezami, il-*brakemarks* li halla t-truck tal-konvenut kienu ta' disa metri ossia <u>29.7 piedi</u>.

Illi dak li jidher li gara fil-kaz odjern huwa li minhabba l-effett kumuluttattiv tas-segwenti fatturi: <u>velocita'</u>, <u>dimensjoni u l-piz</u> tat-truck, u il-fatt li t-truck kien qed jinsaq ghan-<u>nizla</u> – fattur li jimporta zieda fil-*momentum*

tat-truck. Minhabba dawn il-fatturi, il-konvenut meta applika l-brakes tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel fit-truck ta' quddiemu.

F' dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjonijiet li ghamlet l-imsemmi Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fuq citat li *"Min ikun qed isuq, ghalkemm ma jghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformament" (supra)*.

F' dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont tal-fatturi indikati fil-paragrafu precedenti, ma jistax jinghad li l-konvenut kien qed isuq bid-diligenza u prudenza ta' *bonus paterfamilias*; u il-Qorti hija tal-fehma li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tas-sewqan imprudenti u inkonsult tal-konvenut, li allura ghandu jirrispondi ghad-danni kkaggjnati minnu. Minn naha tas-sewwieq tat-truck tal-atturi, din il-Qorti ma tirravvisa ebda traskuragni jew imprudenza kif eccepixxa l-konvenut..

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, prevja rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-Mellieha Bypass fis-17 ta' Lulju 1992, bejn it-truck tieghu numru J-3537 u t-truck tal-atturi numru E-9844; tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fil-ammont ta' tlett mija u hames liri maltin (Lm305); u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas din is-somma - bl-ispejjez kollha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------